MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Numru 598/1999

**Il-Pulizija**
**Supretendent Neil Harrison**
v

**MOHAMAD BARBAR AL ZAMTI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MOHAMAD BARBAR AL ZAMTI** ta' tlieta w tletin sena bin Barbar u Montaha, imwieled Damasku, s-Sirja, nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 1966 u residenti Flat 4, Jason Flats, Triq Sant'Antnin, Imsida, detentur ta' passaport Sirjan numru 2658980 gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-tmienja w ghoxrin ta' Awissu 1999 u fl-ahhar granet qabel din d-data:

1. Bil-qerq holoq jew gieghel li jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna jew persuni ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2. Talli iddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak r-reat kien sar;

3. Talli matul dawn l-ahhar xhur minghajr ma nghata permess ta' residenza nizel jew kien Malta minghajr permess minghand l-Ufficjal Prinipali tal-Immigrazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond l-ligi, tordna lil imputat sabiex jhallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tiddikjara lil imsemmija persuna bhala immigrant pprojbit u tohrog ordni ta' tnehhija kontra tieghu ai termini tal-artikolu 12 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Dicembru 2000 [fol 135] sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-sittax ta' Jannar 2001 [fol 136].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat il-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Jacqueline Padovani Grima nhar t-tlettax ta' Settembru 1999 esibit a fol 61 et seq tal-atti odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar s-sebgha ta' Settembru 1999 xehed l-allura Spettur Neil Harrison** [fol 15] li qal li nhar l-Gimgha, sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1999 ghal habta tal-hdax ta' filghodu PC 279 Kevin Gauci li kien telephone orderly d-Drug Squad, kien ircieva informazzjoni anonima li kienet tghid li tlett persuni ta' nazzjonalita Gharbija li kienu fi Flat 3, Jason Flats, Triq Sant'Antnin, l-Imsida, kellhom fil-pussess taghhom xi droga u li din d-droga kienet mohbija fil-kcina f'cupboards jew inkellha fuq il-geyser jew water heater tal-kamra tal-banju fl-istess appartment. Peress li dak il-hin huwa ma kellux Pulizija, huwa baghthom wara l-hamsa ta' filghaxija sabiex jaghmlu tfittxija f'dan l-istess appartament. Gara li aktar tard wara nofsinhar dahlet telefonata ohra anonima fl-Ghassa tal-Imsida bl-istess informazzjoni ta' qabel. Ghalhekk hu baghat lil PC 951 Joseph Tonna u lil WPS 102 sabiex jaghmlu tfittxija f'dan appartament pero bi zball dawn il-Pulizija marru fl-appartament numru erbgha flok dak bin-numru tlieta, habbtu u ma fetah hadd u meta ghamlu ftit ricerka ma dawk tal-flat numru tlieta, fejn originarjament kellhom jmorru, il-persuna li kien hemm f'dan il-flat numru tlieta, qaltilhom li tal-flat numru erbgha jkun fil-flat wara l-ghaxra ta' bil-lejl. Fil-fatt, ghall-habta tal-ghaxra w nofs ta' bil-lejl dakinhar stess, PS 564, PS 123 Saviour Galea u PC 682 Michael Cutajar, marru jaghmlu tfittxija fil-flat numru tlieta, fejn fethulhom il-bieb tlieta minn nies ta' nazzjonalita Sirjana li dak l-hin kienu qed jaqraw xi kotba. Il-Pulizija ghamlu tfittxija fil-flat numru tlieta peress li dawn t-tlett Sirjani m'oggezzjonawx ghal dan. Irrizulta waqt din t-tfittxija li fuq il-geyzer fil-kamra tal-banju nstabet borza li kien fiha disgha bicciet zghar ta' raza tal-Cannabis u diversi pilloli ta' lewn celesti li gew elevati mill-Pulizija. Is-Sirjani mill-ewwel cahdu li kellhom konnessjoni ma din d-droga li nstabet. Irrizulta li l-passaporti ta' dawn t-tlett Sirjani kienu passaporti Libjani w kienu fl-ordni u ma kellhom xejn irregolari.

Ix-xhud kompla jghid li l-ghada kellem lil dawn s-Sirjani hu stess u fil-fatt dawn kien jisimhom Mohammed Hasan Edgem u huh Hamdo Edgem, u l-iehor Abdul Hamid

Rashid Latrech. Qal li meta kellem lil Mohammed Hassan Edgem, dan cahad li kellu xi konnessjoni mad-droga u li ma kienx jaf biha. Qal li dan qallu li kemm kien ilu li gie Malta kien gie avvicinat minn certu Mohammed Barbar, li hu ta' nazzjonalita Sirjana, li kien rrangalu sabiex jizzewweg lil xi mara ta' nazzjonalita Maltija biex ikun jista jibqa Malta. Fil-fatt Mohammed Hasan Edgem qal li kien diga hallas elf dollaru lil dan Mohammed Barbar u li kien laqqghu ma tfajla Maltija li kien jisimha Dina li kellha tkun il-mara futura tieghu. Qal li Mohammed Barbar kien qallu wkoll li kellu jizzewwigha fis-sebgha w ghoxrin t'Awissu ta' dik is-sena u li l-arrangamenti taz-zwieg kien ha hsiebhom certu Karlu li kien isuq karozza Hyundai Stellar li kellha numru ta' registrazzjoni LAN 863. Ix-xhud kompla jghid li dan Mohammed Hassan Edgem kien qallu li pero nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu, kien mar dan Mohammed Barbar u Karlu u talbuh s-somma ta' mitejn u hamsin lira maltin ohra pero hu kien irrifjuta li jaghtihomlhom. Fil-fatt ix-xhud jghid li Mohammed Hassan Edgem kien qallu li l-imputat kien ilu jitolbu aktar flus u hu kull darba jirrifjuta.

Ix-xhud zied jghid li dan Mohammed Hassan Edgem kien qallu li dak l-hin li kien irrifjuta li jaghtihom l-flus dan Mohammed Barbar u Karlu bdew jhedduh u jghidulu li kienu ser jikkrejawlu hafna problemi hawn Malta. Ix-xhud kompla jghid li Mohammed Hassan Edgem qallu li l-Hamis ta' qabel kien fil-flat taghhom wahdu peress li Rashid Latrech u Mohammed Edgem ma kienux hemm, mar dan Mohammed Barbar l-flat u talbu tazza te' u sakemm Mohammed Hassan Edgem kien qed jghamillu t-te', Mohammed Barbar mar fil-kamra tal-banju, wara ftit hareg, xorob t-te' u telaq mill-ewwel l' barra.

Sussegwentement huwa tkellem wkoll ma Rashid Latrech fit-tmienja w ghoxrin ta' Awissu 1999 li cahad li kellu xi konnessjoni tieghu mad-droga li nstabet fl-appartement taghhom u kkorrobora l-versjoni tal-fatti kif moghtija minn Mohammed Hassan Edgem. Ix-xhud kellem wkoll lil Hamdo Edgem li wkoll cahad l-konnessjoni tieghu mad-droga misjuba u kkorrobora wkoll l-versjoni tal-fatti kif moghtija minn Mohammed Hassan Edgem u Rashid Latrech. Ix-xhud qal li mill-investigazzjonijiet maghmula

mill-ewwel deher fil-fehma tieghu, li dan kien frame up fuq dawk t-tlett Sirjani li kienu jirrisjedu fil-flat numru tlieta.

Ix-xhud kompla jghid li wara li rrintraccjaw lis-sewwieq tal-vettura Hyundai Stellar bin-numru ta' registrazzjoni LAN 863 fi Triq Steward, Gzira nhar d-disgha w ghoxrin ta' Awissu 1999, saret tfittxija fil-flat tieghu li rrizultat fin-negattiv. Irrizulta li din il-persuna kien certu Aladin Adel Hazuri maghruf bhala Alan u li jabita Bugibba. Meta dan Aladin Adel Hazuri gie mitkellem qal li jaf lil Mohammed Barbar pero qatt ma kien dahal fil-flat tieghu. Cahad li kien involut fid-droga u li b'xi mod kien involut fuq preparamenti ta' tieg li kienu qed isiru ghal Mohammed Hassan ma xi tfajla maltija.

Ix-xhud kompla jghid li saret tftittxija ghal dan Mohammed Barbar kemm Tas Sliema, Hal Luqa u Paceville pero dan baqa m'instabx, pero nhar l-wiehed u tletin ta' Awissu 1999 Mohammed Barbar gie arrestat u saret tfittxija fl-appartament tieghu 4, Jason Flats, Triq Sant'Antnin, Imsida fil-presenza tieghu stess fejn instabet borza tal-plastic simili ghal borza li kienet instabet bid-droga kif wkoll nstabu mus zghir, swiss knife zghir li fuq naha wahda tax-xafra tieghu kien hemm tracci tad-droga tal-haxixa Cannabis. Dawn gew kollha elevati. Ix-xhud qal li tkellem ma dan Mohammed Barbar nhar l-ewwel ta' Settembru 1999 fil-presenza ta' PC 1099 Charles Farrugia u dan rrilaxxja stqarrija li tinsab immarkata bhala dokument NH 1 [fol 10]. Ix-xhud gharaf fl-awla lil imputat bhala l-istess persuna li rrilaxxjat l-istqarrija in kwistjoni. L-allura Spettur Neil Harrison kompla jghid li kien gie nfurmat mit-tlett Sirjani li minn mindu sar l-ewwel rapport fis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1999 sakemm l-imputat kien gie arrrestat, dan qatt ma resaq lejn l-appartament taghhom kif kien soltu jaghmel qabel.

Illi **nhar s-sebgha ta' Settembru 1999 xehed PC 1099 Carmel Farrugia** [fol 20] fejn ikkonferma li kien xhud tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat markata bhala dokument NH 1 [fol 10].

Illi **nhar s-sebgha ta' Settembru 1999 xehed Abdul Hamid Rashid Atrach** [fol 21] fejn qal li ghal habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl ta' jum s-Sibt jew il-Gimgha, l-Pulizija kienu jaghmlu tfittxija fid-dar tieghu Flat 3, Jason Flats, Triq Sant'Antnin, Imsida. Dakinhar x-xhud qal li mieghu kienu qed joqghodu Mohammed u huh Hamdo u kien ilu joqghod hemm xi ghoxrin jum filwaqtr li Mohammed kien ilu jghix hemm xi ghaxart ijiem. Qal li fit-tfittxija l-Pulizija kienu sabu basket, borza zghira fuq il-geyzer li kien fiha xi pilloli blu u xi bicciet kannella. Mistoqsi jekk dawk il-bicciet kannella kienux tieghu x-xhud wiegeb li ma kienux u ma kienx jaf ta' min kienu. Qal li dakinhar hu ra lil imputat, li gharaf presenti fl-awla, niezel t-tarag waqt li kien sejjer jcempel lil mara tieghu s-Sirja, u dan staqsih ghal Mohammed u hu qallu li kien fuq u l-imputat tela fuq. Qal li meta spicca mit-telefonata rega' tela fuq fl-appartament fejn kien hemm Mohammed u huh, mhux l-imputat. Kompla jghid li fil-hdax u nofs imbaghad gew il-Pulizija biex jaghmlu tfittxija u hu m'oggezzjonax ghal dan u saret din t-tfittxija fl-appartament. Qal li meta spicca mit-telefonata u kien sejjer fl-appartament, Hamdo kien fit-triq bil-vann tal-kugin tieghu jitkellem ma xi nies li wara rrizulta li kienu Pulizija. Mistoqsi fuq Mohammed Hassan ix-xhud qal li meta kien Malta kien avvicinah l-imputat u xi hadd Malti biex jzewwgu. Qal li hu qatt ma kien kellmu ghaliex meta kien jigi minn isfel, kien idoqq l-horn, u jinzlu jitkellmu flimkien. Qal li lil dan il-malti, li kienu jghidu li jigi t-tifel tal-Kummissarju u li dan jaqdi lil kull min jkollu bzonn xi haga u jehdilhom l-flus, hu rah u meta rah, l-allura Spettur Neil Harrison kien qallu li dak ma kienx malti izda kien jismu Alan Hazzouri u x-xhud kien wiegbu li lanqas biss kien jaf b'dan. Ix-xhud kompla jghid li Mohammed Hassan kien ta xi elf dollaru lil imputat biex jzewwgu. Ix-xhud qal li ma kienx mieghu meta tah il-flus pero Mohammed Hassan kien qallu li tah l-flus biex jzewwgu. Qal li Mohammed Hassan kien qallu li kienu marru l-Qorti, staqsih min kienet t-tifla li kien ser jizzewwg, dan qallu li kien jisimha Dina. Mistoqsi jekk kienx jaf li l-imputat kien ried aktar flus minghand Mohammed Hassan ix-xhud wiegeb li kien jaf li kellu jaghtih hames mitt lira ohra u meta jlestu kollox hu jkun hallas elf u erbgha mitt

lira fuq z-zwieg. Qal li lilu qatt hadd ma heddu li kienu ser jghamlulu xi problema hawn Malta.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1999 reggha xehed Abdul Hamid Rashid Atrach** [fol 49] fejn qal li f'Jason Flats kien ilu joqghod sebgha xhur jew aktar u qabel kien joqghod fi Flat 4 imbaghad nizel ghal Flat numru 3 u ilu joqghod f'dan l-ahhar imsemmi flat ghal tlett xhur. Qal li l-imputat kien ilu joqghod fil-flat numru 4 xahrejn u kien jorqod fih wkoll dejjem. Qal li meta marru jghamlu t-tfittxija l-Pulizija kien jum il-Gimgha, sebgha w ghoxrin filghaxija. Qal li sakemm gie arrestat mill-Pulizija l-imputat ma marx fil-flat tieghu u lanqas l-habib tieghu li joqghod mieghu ma mar dakinhar li marru l-Pulizija. Qal li wara nofs il-lejl dakinhar kien mar ghandu habib tieghu u staqsih ghaliex ma kienx mar jorqod fil-flat u dan qallu li ma kienx jaf. Qal li wara li l-Pulizija ghamlu tftittxija hu ma rax lil imputat izjed hemmhekk ghalkemm rega' rah meta l-Pulizija gabuh fil-flat meta ghamlu t-tfittxija. Qal li l-imputat kellu cavetta tal-flat numru 3 peress li meta hu mar s-Sirja ghand l-familja tieghu, Mohammed Hassan kien joqghod wahdu fil-flat numru 3, u peress li l-imputat kien qed jirranga lil Mohammed Hassan ghaz-zwieg ghamel xi zmien jghix mieghu u f'xi zmien inkiser il-katnazz tal-bieb, l-imputat qallu li kelllu katnazz antik u tah dan il-katnazz u wahhlu u ghalhekk qal li jahseb li zgur kellu cavetta tal-katnazz l-antik. Ix-xhud qal li kien zgur li l-katnazz inbidel ghaliex meta hu kien gie lura mis-Sirja u mar biex jiftah ma setghax u qaghad jistenna barra sakemm gie siehbu Mohammed Hassan u meta qallu li ma setghax jiftah dan qallu li kien biddel il-katnazz ma tal-imputat.

Illi **nhar d-disgha ta' Settembru 1999 xehed Mohammed Hassan Abrim** [fol 27] fejn qal li hu kien gie Malta fl-ewwel ta' Gunju u mar joqghod l-Imsida ma tlett persuni ohra wiehed minnhom Abdel Hamid Rashid. Qal li kemm dam hemm darba minnhom marru jkellmuh tlett persuni wiehed minnhom l-imputat li gharaf presenti fl-awla u kellmuh fuq zwieg, u cioe li kien hemm tfajla li riedet tizzewwgu u hu kien qalilhom li hu kien ghazeb u ma kellux problema biex jizzewwigha. Qal li ghal dan z-

zwieg kienu talbuh elf lira ghaliex kienet talbithom t-tfajla li kienet ghaz-zwieg. Qal li hu hallashom dawn l-flus lil wiehed Sirjan certu Yousef Matar u li kien hemm iehor certu Karlo li jghidu li hu t-tifel tal-Kummissarju. Qal li kien ilu li tahomlu xi xahar u nofs qabel meta marru l-Belt flimkien u dahhluh f'xi post hemmhekk u ghamlu appuntament ghas-sebgha w ghoxrin ta' Awissu. Qal li fis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu meta regghu marru t-tfajla, li kien jisimha Dina, ma rahiex. Qal li wara kien kellem lil imputat fuq il-flus u qallu li ried mitejn u hamsin lira ohra u hu ma tahomlomx. Qal li meta rrifjuta li jaghtihom dawn l-flus, dawn qalulu [b'referenza ghall-imputat u Karlo] li kienu ser jghamlulu problemi hawn Malta u li kien ser jitkecca minn Malta. Ikkonferma li l-imputat kien joqghod fil-flat ta' fuqhom.

Qal li jiftakar li fis-sitta w ghoxrin ta' Awissu fid-disgha ta' filghaxija, l-imputat kien mar fil-flat taghhom u talbu biex jiehu te'. Ix-xhud qal li hu kien wahdu fil-flat dak l-hin peress li Rashid kien nizel icempel u siehbu Hamdo kien mar ma kugin tieghu. Qal li sakemm ghamillu t-te' l-imputat talbu jidhol fit-toilet. Qal li l-imputat dahal wahdu fit-toilet u dam xi zewg minuti. Qal li wara li hareg, xorob t-te' malajr u hu staqsih ghal fejn dik l-ghaggla u l-imputat rrispondih li xtaq jlesti qabel ma jmur siehbu. Qal li qabel kien imur spiss fil-fatt taghhom pero meta mar siehbu joqghod mieghu fil-flat, dik d-darba biss kien mar, meta talbu jiehu te u dahal t-toilet. Qal li l-ghada, sebgha w ghoxrin ta' Awissu kienu marru l-Pulizija jistaqsuh ghal ta' fuqhom, tal-flat numru 4, meta hu kien fil-flat tieghu u hu qalilhom li kien hareg. Qal li mbaghad l-Pulizija nizlu fil-flat numru 3 u hemmhekk sabu lil kugin tieghu u lil huh u qalulhom li kienu ser jaghmlu tfittxija hemmhekk. Qal li aktar tard filghaxija, fis-sitta, regghu marru l-Pulizija jghamlu tfittxija fil-flat taghhom u sabu borza zghira li kien fiha xi haga kannella, blu u bajda fit-toilet. Qal li meta l-Pulizija dahlu fit-toilet ifittxu, dahal Rashid maghhom. Ix-xhud qal li l-viza tieghu kienet taghlaq fit-tlieta ta' Ottubru.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1999 rega' xehed Mohammed Hassan Abrim** [fol 53] fejn qal li veru li l-imputat kien tah katnazz u zewg cwievet. Qal li hu qatt

ma ra lil imputat jiftah l-katnazz imwahhal fuq il-bieb numru 3 u li qatt ma dahal f'dak l-flat u sab lil imputat hemmhekk minghajr ma kien jaf hu. Ix-xhud qal li l-imputat kien dahal ghandu fid-disgha ta' bil-lejl tas-sitta w ghoxrin ta' Awissu biex jiehu te' mieghu. Qal li meta l-imputat kien mar ghandu u dahal fil-kamra tal-banju, hu kien ghalaq il-bieb warajh.

Illi **nhar d-disgha ta' Settembru 1999 xehed Hamdo Hussien Drim** [fol 33] fejn qal li Mohammed Hassan jigi huh. Qal li kien ilu li wasal Malta mit-tlettax t'Awissu u kien mar joqghod ma huh l-Imsida. Ftakar li fis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu kienu marru l-Pulizija jaghmlu tfittxija fil-flat taghhom. Qal li kienu marru l-ewwel fis-sitta ta' filghaxija u darb'ohra fl-ghaxra ta' bil-lejl meta, skond kif sema' lil Pulizija jitkellmu, ghaliex hu ma rahomx, sabu borza fuq il-heater tal-ilma fil-kamra tal-banju, liema borza ma kienetx tieghu. Qal li lil imputat jafu hawn Malta u jaf li kien joqghod fil-flat numru 4. Qal li jaf li huh kellu konnessjoni mal-imputat fuq xi zwieg u li huh kien ta lil imputat elf dollaru ghal dan z-zwieg. Qal li kien sar jaf dwar dan mill-imputat u bniedem iehor certu Karlo. Ix-xhud qal li l-imputat kien qallu li huh kien ser jizzewweg u li kellu appuntament ghas-sebgha w ghoxrin pero dakinhar ma kien gara xejn. Qal li l-imputat kien qisu qed jahrab mis-suggett. Qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Awissu kien mar ghandu l-imputat u staqsa kemm lilu kif wkoll lil huh ghal mitejn u hamsin lira biex jghamillu tieg. Qal li huh qal lil imputat li qabel ma jara l-karta taz-zwieg ma kienx ser jaghtih flus u l-imputat ma qalilhom xejn pero kien dejjem jhedded li lil Rashid kien ser jkeccih minn Malta. Qal li minn dakinhar tas-sebgha w ghoxrin ta' Awissu sat-tlieta ta' Settembru lil imputat ma rahx fil-flat. Qal li qabel kien ikun hemm dejjem, pero mis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu ma raqadx aktar hemm. Ix-xhud qal li l-viza tieghu kienet ser taghlaq fit-tlettax ta' Settembru 1999. Qal li l-flus hu qatt ma rahom u li kien jaf kien li huh tahom lil imputat. Mistoqsi minn fejn gabhom huh l-flus ix-xhud qal li ma jafx. <u>Mistoqsi jekk qattx ra lil imputat fil-pussess ta' xi droga ix-xhud wiegeb fin-negattiv</u>. Qal pero li l-fatt li dakinhar bil-lejl mar jiehu te ghandhom meta qabel ma kienx imur, ix-xhud qal li hu ssuspsetta li l-

imputat kellu x'jaqsam ma dik l-bicca xoghol. Mistoqsi jekk qattx ra d-droga f'idejn l-akkuzat ix-xhud wiegeb li meta persuna taghmel xi haga hazina ma toqghodx turiha lin-nies. Mistoqsi jekk huh isellifx flus hawn Malta ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Ix-xhud cahad li huh qatt qallu li kien hemm okkazzjonijiet fejn sellef xi flus lil xi hadd.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1999 xehed PC 682 Michael Cutajar** [fol 41] fejn qal li fit-tmienja w ghoxrin ta' Awissu 1999 ghall-habta tad-disgha w nofs, PC 123 Saviour Galea kien ircieva telefonata anonima minn xi Gharbi li jitkellem bil-Malti fejn gie allegat li fl-appartament Jason Flats, Flat 3, l-Imsida kien hemm certu Abdul Hamis li kellu d-droga mohbija fuq il-geyser. Qal li huma marru fuq il-post ghal xi l-ghaxra fejn sabu xi tlett persuni, Abdul Hamid, Hamdo Hassan u Mohammed Hassan. Qal li dawn kienu bil-qeghda fuq sufan jitkellmu u wiehed minnhom kien qed jaqra l-Koran. Qal li huma kienu fil-pussess ta' mandat ta' tfittxija u ghalhekk ghamlu tfittxija f'dan il-flat fejn fuq il-geyser sabu borza tal-plastic li fiha kien hemm xi mija u sitt pilloli celesti bin-numru ghaxra [10] fuqhom u xi disgha bicciet mahsuba raza ta' cannabis. Qal li huwa baqa mas-Supretendent Neil Harrison li kellu jibghat ghal dawk t-tlett persuni l-ghada. Qal li lil imputat ma rah b'ebda mod. Qal li dawn t-tlett minn nies ikkorroboraw maghhom ghalkemm lanqas kienu jafu fuq x'hiex kienu ser jghamlu t-tfittxija u li la ppruvaw jaharbu anzi dawn baqghu bil-qeghda kif kienu.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1999 xehed PC 123 Saviour Galea** [fol 43] fejn ikkonferma l-fatti kif qalhom PC 682 Michael Cutajar u zied jghid li t-tlett minn nies kienu ta' nazzjonalita Sirjana. Qal li meta kienu fil-flat, siehbu PC 682 Michael Cutajar mar fil-kamra tal-banju u qabad squeezer u waqqa borza bil-pilloli u xi disgha bicciet raza ta' cannabis minn fuq il-geyzer. Ix-xhud qal li dawn is-Sirjani baqghu bil-qeghda u kienu sorprizi bis-sejba taghhom tant li baqghu ccassati. Ix-xhud qal li hu kien ha t-telefonata anomina fejn l-persuna li kellmitu li kien ta' nazzjonalita Gharbija pero jitkellem sew bil-Malti, kien qallu li f'Jason Flats, l-Imsida, kien hemm d-droga

mohbija fuq il-geyzer.  Qal li mill-accent tieghu kien jidher li mhux Malti u li kien ilu jipprova jaqbad maghhom.

Illi **nhar l-ghoxrin ta' Settembru 1999 xehed PC 279 Kevin Gauci** [fol 46] fejn qal li dakinhar tas-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1999 hu kien duty first watch orderly mill-hamsa ta' filghodu sas-siegha u li kienet dahlet telefonata minn persuna b'accent Libjan fejn qalet li f'Jason Flats, Triq Sant'Antnin l-Imsida hemm xi libjani joqghodu u li kellhom d-droga mohbija fuq il-geyzer fil-kamra tal-banju jew f'cupboard fil-kcina.  Qal li min kellmu kien ta' nazzjonalita Libjana li jitkellem l-Malti.  Qal li hu nizzel l-informazzjoni li tah fuq l-information sheet li jiktbu waqt l-hin tax-xoghol, li esibixxa bhala dokument Y.  Qal li dik l-informazzjoni huwa kitibha mill-ewwel u li wara xi nofs siegha l-istess persuna, li regghet ma tatux isimha, regghet cemplet ghal istess skop.  Qal li hu ghadda dik l-informazzjoni lil allura Spettur Neil Harrison.   Qal li kien hemm xi diffikulta biex jifhmu ghalkemm fehmu mill-ewwel u qallu zgur fuq il-geyzer, fil-kamra tal-banju u semma l-cupboards tal-kcina wkoll.

Illi **nhar s-sittax ta' Novembru 1999 xehed l-Ispizjar Mario Mifsud** fejn ippresenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MM [fol 67].   Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li parti mis-sejba kienet tikkonsisti f'disa' blokki ta' sustanza kannella li tigi mill-pjanta tal-Cannabis li hija kontrollata mill-ligi.

Illi **nhar s-sittax ta' Novembru 1999 xehed l-Ispettur Stephen Gatt** [fol 84] fejn qal li dakinhar tas-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1999 huwa kien ircieva telefonata fl-ufficju tieghu ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar fejn wiehed, li kellu accent ta' persuna ta' nazzjonalita Gharbija, ried jiltaqa mieghu dwar xi droga fi flat fl-Imsida.  Qal li dakinhar hu kien informa b'dan lil Pulizija tad-Drug Squad biex imorru mmedjatament fuq il-post.

Illi **nhar s-sittax ta' Novembru 1999 xehed PS 962 Alfred Schembri** [fol 85] fejn ikkonferma l-fatti kif qaluhom PC 682 Michael Cutajar u PC 123 Saviour Galea.  Meta gie muri d-dokument MM a fol 67 et seq,

huwa gharaf fir-ritratti d-dokumenti li huwa ndika fix-xhieda tieghu. Ix-xhud qal li l-persuni li kien hemm fil-flat tant m'offrewx resistenza ghat-tfittxija li lanqas biss riedu jassistu ghalija u hu kien qalilhom li kien ahjar li t-tfittxija ssir fil-presenza taghhom.

Illi **nhar s-sittax ta' Novembru 1999 xehed PS 644 David Camilleri** [fol 87] fejn ikkonferma li kien mar fuq il-post in kwisjtoni nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 1999 biex jghamlu tfittxija ghal xi droga.

Illi **nhar l-hdax ta' Jannar 2000 xehed PS 951 Joseph Tonna** [fol 92] kkonferma l-fatti kif qaluhom PC 682 Michael Cutajar, PS 962 Alfred Schembri u PC 123 Saviour Galea.

Illi **nhar t-tnax ta' April 2000 xehed PC 282 Pierre Grech** [fol 102] fejn esibixxa d-dokument PG 1, PG 2 u qal li hu kien sab xi impronti digitali.

Illi **nhar s-sitta ta' Gunju 2000 xehed PC 956 Andrew Caruana** [fol 110] fejn esibixxa d-dokument AC 1 u AC 2 li jirrappresentaw impronti digitali u palm prints tal-imputat.

Illi **nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2000 xehed Mark Vella** [fol 119] fejn qal li huwa ghalliem u qieghed fuq il-prison board fil-habs u qed imexxi l-prison fellowship hawn Malta. Qal li lil imputat jafu w ilu jafu min mindu dahal l-habs ghall-habta tal-Settembru. Qal li l-imputat huwa bniedem riservat hafna, misthi u li kellu problema johloq kuntatt mieghu minhabba problema ta' lingwa peress li ma jafx il-Malti sew ghalkemm sar jaf xi ftit bil-Malti. Qal li hu bniedem sportiv hafna tant li mill-bidu nett beda jinteressa ruhu fl-isports fil-habs. Qal li l-imputat huwa l-ahjar wiehed fl-isports fil-habs. Qal li jahdem fil-habs u ghandu kondotta tajba hafna. Qal li l-imputat ma hux bhal prigunieri l-ohra u mhux bniedem tal-habs u li l-behaviour tieghu hija affidabbli.

Illi **nhar t-tmienja ta' Lulju 2002 rega' xehed Mark Vella** [fol 194] fejn qal li kien ilu jaf lil imputat vicin t-tlett snin. Qal li meta iltaqa mieghu f'Ottubru 1999 l-imputat ma

kienx jaf jitkellem bil-Malti u dam biex jikkomunika sew mieghu anke sa Mejju 2000 u minn Awissu 2000 beda jkollu kuntatt mieghu kuljum. Qal li l-imputat ghallmu hafna fuq kultura Gharbija. Qal li tal-MFA ta' Ta' Qali u diversi gyms ohra xtaquh li kif ikun lest minn dak l-kaz ikun jista jahdem, imexxi l-isports. Qal li hawn wkoll hafna lukandi f'Malta li jriduh jahdem maghhom wkoll. Qal li l-imputat jhobb hafna l-familja tant li hu ffissat fuq il-familja u mhux wiehed li jhobb jixrob. Qal li l-imputat ghandu tlett itfal ta sitta u hames snin u baby u joqghodu fi flat mal-mara tieghu li hija teacher tal-ingliz f'San Giljan. Qal li l-familja tieghu hija maghquda hafna, ma johorgu mkien jekk mhux flimkien. Qal li l-familja tieghu fis-Sirja huma nies importanti, nies imlahhqin tal-business u ghandhom fabbrika taghhom. Qal li hu l-imputat huwa specjalista, tabib, huh iehor fin-Navy Sirjana, ufficjal imlahhaq. Familja li tiehu pjacir tkun maghhom. Ix-xhud kompla jghid li l-familja tieghu jixtiequ jissetiljaw Malta u li prospettivi ta'xoghol ghandu hawnhekk.

Illi **nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2000 xehed Joseph Bongailas** [fol 132] fejn qal li hu ghamel l-ezamijiet komparattivi neccessarji fuq inkarigu lilu moghti bejn dawk tal-imputat mehuda fl-awla u dawk mehuda minn fuq x-xena tad-delitt u tali ezami komparattiv ta rrizultat negattiv.

Illi **nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2002 xehed l-imputat** [fol 150] fejn qal li hija ta' nazzjonalita Sirjana u wara li mar l-Libja ghal sitt xhur gie Malta peress li hu boxer u ghalliem tal-boxing u kien ha l-kampjonat tas-Sirja tlett darbiet. Qal li gie Malta fl-erbatax ta' Frar 1999 u wara gimgha mar ghand certu Bertu Camilleri li ghandu gym l-Gharghur w ghamel kuntratt mieghu u jimpjegah bhala ghalliem tal-boxing ghal hames snin u kull sena l-kuntratt jiggedded sena sena. Qal li wara li sar il-kuntratt hu hadu Kastilja sabiex jinghata permess mill-Immigration biex joqghod Malta. Il-permess hareg wara li kien ilu hames jew sitt xhur hawn Malta. Qal li s-Sirja hu kien ghamel ghaxar snin Pulizija, hamsa minnhom bhala bodyguard tat-tifel tal-President. Mistoqsi dwar l-visa l-imputat qal li hu kellu visa fuq il-karta ta' Kastilja pero kien taha lis-Sur

Harrison li kien qattahielu fl-ufficju l-Marsa tieghu meta mar ikellmu, ghaliex kien qallu 'm'ghandekx visa, dik ma tghoddx'.

Qal li meta gie Malta ma kienx jaf jitkellem bil-Malti u kien mar l-habs iltaqa ma Mark Vella li sahansitra ghamillu plegg. Qal li kemm l-Maggur Deguara tal-habs kif wkoll s-Sur Ivan li issa qieghed l-Ghassa l-Hamrun, jafu li ma kienx jaf jitkellem bil-Malti u fil-fatt ghal bidu kellu diffikulta biex jikkomunika ma Mark Vella meta kien imur jarah l-habs. Qal li lil Ivan jafu l-gym tal-habs peress li dan kien jiehu hsieb l-istess gym. Qal li hu kien imur l-gym kuljum ghal saghtejn u nofs filwaqt li r-residenti l-ohra tal-habs kellhom permess biss ghal siegha. Qal li f'ghaxar xhur u nofs li ghamel l-habs hadd qatt m'ghamillu rapport. Qal li lil Rashid Atrach jafu peress li kien joqghod fil-flat numru 3 ta' fuqu meta hu kien joqghod fil-flat numru 4 flimkien ma Ahmed Gani u iehor Yousef Matar. Qal li darba kien niezel sejjer il-gym, w inqalet glieda, ghaliex Rashid Atrach jobghodu. Qal li dan kien ghajjru hanzir u qabdu min spallejh u habbtu mal-hajt. Qal li mbaghad wara xahar inqala incident iehor meta kien x-Xatt Tas Sliema sejjer Tas Sliema flimkien ma habib tieghu Fausi Hamadani meta ra lil Rashid Atrach w inqalghet glieda ohra hemmhekk. Qal li dan Rashid Atrach kien qal lil Fausi Hamadani biex ma jimxix mieghu ghaliex dak kien ser jkollu problema mal-Pulizija. Qal li dakinhar kien qallu li kien ser jkeccih minn Malta. Ix-xhud kompla jghid li drabi ohra kellu xi jghid ma dan Rashid Atrach fuq religjon. Ix-xhud qal li la Malta u lanqas s-Sirja ma kellu xi problema mal-gustizzja. Qal li hu kien spicca ghand l-Pulizija mhux ghax arrestawh imma ghaliex mar minn jeddu. Qal li hu kien qieghed ghand wiehed xih Sirjan li ilu joqghod Hal Luqa hdax l-sena u ghamel ghandu tlett ijiem u t-tielet jum li kienu ilu hemm, kienu marru tlieta mill-flat tieghu fl-Imsida u qalulu li kienu marru jfittxuh l-Pulizija u ghalhekk kien qal lil dan x-xih sabiex jwasslu d-Depot biex jara x'kienet il-problema.

Qal li meta kien hemm s-Sur Harrison kien dahlu fl-ufficju tieghu, urih borza u staqsih jekk kienetx tieghu u hu qallu li ma kienetx u li ma kienx jaf biha. Mistoqsi jekk kienx ha

xi flus biex jghamel xi zwigijiet ix-xhud rrisponda li ma kienx jaf bi zwigijiet. Ix-xhud kompla jghid li Alan Hazuri kien habib tieghu wkoll u kien imur jittranja mieghu. Qal li Yousef Matar kien ghamel ftehim ma Hazuri biex jzewwgu bil-flus sabiex ikun jista joqghod hawn Malta. Qal li Yousef Matar kien qal lil Hazuri biex jehodlu l-passaport biex jghamillu viza u meta dan tahulu mar l-Ghassa u qalilhom li kien hemm wiehed li kien Malta minghajr viza u biex jmorru jaqbduh u dan kollu gara wara li Hazuri kien ta l-flus lil Yousef Matar.

Ix-xhud zied jghid li Ahmed Gani li kien joqghod fl-istess flat mieghu, kien qallu li Hazuri kien tkellem ma Yousef Matar jekk jafx lil xi hadd li jrid joqghod Malta bi zwieg, bil-flus u li din kellha tibqa sigriet. Cahad li qatt ha flus ghal dan l-iskop. Qal li qabel kien imur fil-flat ghand Mohammed Adegim pero dan kien jghamlu qabel ma Rashid kien gie lura mis-Sirja peress li hu miggieled ma Rashid u wara li gie Rashid mis-Sirja qatt ma rega' mar hemm. Qal li dakinhar li gara l-incident hu kien il-Balluta flimkien ma Ahmed Gani jimxu x-Xatt ghal habta tal-hamsa w nofs ta' filghaxija. Qal li l-flus tieghu kienu mizmuma fil-flat tieghu u li kienu flimkien ma ta' Ahmed Gani peress li jzommuhom flimkien pero hu dejjem izomm ghaxar liri fuqu. Qal li s-Sirja missieru ghandu hanut u jiehu hsiebu hu u missieru ghadu jibghatlu l-flus minn hemmhekk. Qal li problema ta' flus hu qatt ma kellu u kieku kien jkollu problema kien icempel lil missieru u jibghatlu l-elf dollaru jew hames mitt dollaru ma xi hadd li jkun gej Malta mis-Sirja.

Mistoqsi dwar d-droga, ix-xhud wiegeb li hu qatt ma hax droga u li ma kienx ser jonfoq hames mitt lira biex ipoggi d-droga fid-dar taghhom. Mistoqsi dwar il-visa in kontro ezami x-xhud wiegeb li hu kien ha l-kuntratt tax-xoghol li kellu Kastilja, hargulu karta li qalulu imur biha l-Immigration u dawn geddewlu gimgha wara gimgha u wara hmistax il-gurnata dik il-karta li kellu mieghu li kienet tghid li hu hawn Malta qed jistenna il-permess ghax-xoghol, kien mar biha ghand s-Sur Harrison u dan kien qattahielu. Qal li Kastilja ghandhom l-file tieghu u ghandhom fotokopja tal-passaport tieghu wkoll.

Qal li xahar qabel ma kien gie arrestat f'Settembru 1999 kien mar Kastilja. Qal li l-passaport tieghu li kien ilu ghandu ftit inqas minn xahar meta gie arrestat kien ghand Charlie's Guest House tal-Imsida ghaliex kien joqghod hemm ma siehbu. Qal li hu kien tahom l-passaport u mhux huma talbuhulu.

Mistoqsi jghid jekk huwiex veru li zammewlu l-passaport ghaliex kellu jaghtihom sitt mitt dollaru ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li kien tahom il-passaport ghaliex habib tieghu Halid Ashoor kien joqghod fl-istess kamra mieghu u kien jhallas hames liri kuljum u dan s-Sirjan kien telaq ghaliex ma setghax jhallas daqshekk u hu kien qal lil tal-guest house li ma setghax jhallas dawk il-flus. Qal li zammewlu l-passaport ghaliex siehbu kellu jaghtihom tlett mitt dollaru u peress li ried imur igiblu l-flus hu baqa hemmhekk sakemm jigi lura bil-flus jigifieri halla l-passaport tieghu hemmhekk bhala plegg ghal Halid Ashoor. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jghid ghaliex fl-istqarrija tieghu jsemmi sitt mitt dollaru dejn u issa qed jghid tlett mitt dollaru plegg ix-xhud wiegeb li t-tlett mitt dollaru kienu plegg mal-guest house ghal siehbu u mhux tieghu u hu ma kienx ser johrog l-flus ghal siehbu minn butu. Qal li meta ffirma l-istqarrija tieghu u kien iffirma bl-addocc, ma kienx jaf x'kien qed jiffirma ghaliex beza'. Mistoqsi jekk qrawlux l-istqarrija ix-xhud wiegeb li ma qrawlu xejn. Meta rega' gie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk l-istqarrija li rrilaxxja nqratlux jew le, ix-xhud ex admissis jghid 'Ma niftakarx, kont imbezzgha'. Cahad li jumejn jew tlieta qabel ma gie arrestat kien mar ghand s-Sirjani ghat-te'. Mistoqsi fir-re ezami jekk kienx zgur li s-Sur Harrison kien qattahlu l-karta li kellu minn Kastilja, ix-xhud wiegeb li kien zgur ghaliex kien harigha mill-but u qallu 'din il-karta nimxi biha ghaliex passaport m'ghandhix.'
Illi **nhar t-tlettax ta' Mejju 2002 xehed Michael Grech** [fol 171] fejn qal li hu jahdem bhala Executive Officer fid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Work Permit. Qal li hu kien gie mitlub jaghmel ricerka rigward Mohammed Al Zamati u li huma kellhom applikazzjoni ta' work permit fis-sena 1999 li kienet dahlet fit-tlieta w ghoxrin ta' Marzu

1999 minghand Bertu's Gym, u kien ffirma certu Bertu Camilleri biex ihaddem lil Mohammed Zamati bhala boxer u din kienet giet kancellata fl-ghaxra ta' April 1999 b'ittra ohra minghand Bertu Camilleri u cioe l-istess bniedem li kien applikalu. Qal li raguni ghal dan il-kancellament ma kienux inghataw. Qal li aktar tard fl-ghoxrin ta' Ottubru 2000 kellhom ittra minn naha ta' certu Dottor Mark Attard Montalto fejn talab li ha jippruvaw jaghmlu kumpanija u kien ha japplika ghal Mohammed Barbara Al Zamati biex jahdem bhala professional boxer, pero huma ma hadux passi fuqha minhabba l-fatt li ma gietx registrata l-ebda applikazzjoni f'dak il-kaz.

Illi **nhar t-tlettax ta' Mejju 2002 rega' xehed l-allura Spettur Neil Harrison** [fol 180] fejn ippresenta ricevuta mahruga mis-Central Emigration Office bid-datat sitta ta' April 1999 indirizzata lil imputat, ricevuta li hallas xi ghaxar liri. Ippresenta wkoll karta, applikazzjoni, mahruga mill-Ministry for Home Affairs tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u Expatriates li tikkonferma li hemm xi applikazzjoni minn naha tal-imputat minn Bertu's Gym li kien sab f'envelopp imwahhlin. Maghhom kien hemm fotokopja tal-passaport li gew mmarkati bhala dokument D.

Illi **nhar t-tlettax ta' Mejju 2002 xehed PS 1375 Anthony Camilleri** [fol 182] fejn qal li fl-ufficju fejn jahdem u cioe Central Immigration Office, mill-file li hu sab rigward Mohammed Barbar, dan twieled fid-disgha w ghoxrin ta' Mejju 1966 u li l-ahhar extenstion li kellu kienet valida sas-sitta w ghoxrin ta' April 1998 u li minn dak z-zmien 'l quddiem ma rcivew ebda applikazzjoni biex jerga jestendi. Qal li sa dakinhar l-imputat kellu permess joqghod Malta. Meta x-xhud gie muri d-dokument D u cioe ricevuta ix-xhud kkonferma li dik kienet harget mill-ufficju taghhom u peress li l-imputat kien ta' nazzjonalita Sirjana kellu jhallas ghaxar liri ta' kull visa li jiehu.

Illi **nhar t-tmienja ta' Lulju 2002 xehed Mohammed Abdul Rahman** [fol 186] fejn qal li lil imputat jafu peress li kien iltaqa mieghu Malta, kien mar jahdem ftit mieghu, xi ghaxart ijiem, u peress li tnejn Sirjani saru hbieb. Mistoqsi jekk jafx lil certu Rashid, ix-xhud wiegeb fl-

affermattiv. Qal li sar jaf li Rashid kellu xi jghid mal-imputat, kellhom xi kaz mal-Pulizija. Mistoqsi jekk jafx li l-imputat kienx involut fuq kwistjoni ta' zwigijiiet ix-xhud qal li sar jaf li certu Mustafa Matar kellu xi kas ta' zwigijiet. Qal li qabel dan il-kaz l-imputat kien joqghod l-Imsida. Qal li kif gara dan il-kaz mar joqghod ghandu ghal tlett ijiem u peress li kienu qed ifittxuh il-Pulizija hu kien qallu biex imur ghand il-Pulizija u l-imputat mar. Qal li hu mar minn rajh ghand l-Pulizija. Ix-xhud qal li kienu marru Rashid u xi hbieb tieghu ghandu biex jghidlu li l-Pulizija kienu qed jfittxu lil imputat u l-imputat flimkien ma hbieb ta' Rashid marru ghand l-Pulizija. Qal li mal-imputat kienu marru certu Mohammed u iehor Hamdur jew Badur u dan jafu peress li kien ghandu d-dar meta mar l-imputat.

Illi **nhar d-disgha ta' Dicembru 2002 xehed Aronne Haroun** [fol 209] fejn qal li lil imputat sar jafu meta kien jokkupa l-kariga ta' systems manager fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u li hu dejjem tkellem mieghu fil-lingwa Gharbija.

Illi **nhar l-erbatax ta' Frar 2003 xehdet Paula Lucia** [fol 213] fejn qalet li hija tahdem ma Mark Vella u ghadha degree fil-psikologija u li meta l-imputat hareg mill-habs f' Awissu 2000 hu ma kienx jaf bil-Malti.

Illi **nhar l-ghaxra ta' Novembru 2003 xehed PS 850 Simon Buttigieg** [fol 223] fejn qal li hu sar jaf lil imputat meta hu kien stazzjonat il-habs u l-imputat kien detenut hemmhekk. Qal li l-imputat ma kienx jitkellem bil-Malti u kien isibha diffcili sabiex jikkomunika mieghu.

Illi **nhar l-hmistax ta' Dicembru 2003 xehed Fausi Hamdani** [fol 226] fejn qal li hu ilu jaf lil imputat madwar erbgha snin u nofs u ftakar li darba minnhom kienu mexjin x-Xatt ta' Tas Sliema u gie Sirjan iehor fuqu u beda jghajjru u l-imputat rega' ghajjru lura u bdew joffendu lil xulxin. Qal li dan kien gara qabel ma dahal il-habs. Qal li l-imputat ma kien jaf kwazi xejn bil-Malti u kien hu li jitkellem meta jmorru xi postijiet.

Illi **nhar t-tnejn ta' Gunju 2004 xehed PS 1375 Anthony Camilleri** [fol 232] fejn qal li hu stazzjonat s-Central Immigration Office u f'dan l-ufficju hemm file f'isem l-imputat li jgib in-numru PIO 43265. Mistoqsi jghid x'kienet il-posizzjoni tal-imputat dakinhar ix-xhud wiegeb li dan ghamel applikazzjoni extension to stay f'Malta f'Jannar 2004 pero peress li ghandu kaz pendenti l-Qorti din qed tigi riveduta sakemm l-kaz jinqata. Qal li l-imputat ghalihom ma kienx Malta taht stat illegali ghaliex il-fatt li hemm applikazzjoni jfisser li hu ghandu permess joqghod Malta. Qal li l-ewwel applikazzjoni tal-imputat kienet fis-sittax ta' April 2001 flimkien mal-membri tal-familja tieghu. Qal li l-permess tieghu fis-sena 2001 kien gie rifjutat. Qal li wara kienu rcevew ittra minghand l-Avukat tieghu Dottor Debono pero xorta din l-applikazzjoni baqghet tigi rifjutata. Qal li sussegwentement hu pproduca certifikat mediku u l-Ispettur kien qallu biex igib ticket u jitlaq. Qal li fis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 2001 rega' tefa' applikazzjoni ohra u gab certifikat w inghata viza ghal xahrejn li kienet tiskadi fis-sebgha w ghoxrin ta' Ottubru 2001. Qal li ghamel applikazzjoni ohra, talbuh financial proof, hadilhom ittra minghand il-Prison Fellowship w inghata xahrejn ohra u cioe sas-sebgha w ghoxrin ta' Diocembru 2001. Qal li fit-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2002 l-awtoritajiet tawh xahrejn ohra. Qal li wiehed mic-certifikati li hemm fil-file tieghu hemm wiehed redatt minn Doctor Joseph Zammit li jghid li l-imputat jbati mill-asthma u qieghed taht medikazzjoni. Qal li l-ewwel records li ghandhom tal-imputat huma tas-sittax ta' April 2001.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti semghet lil partijiet jittrataw l-kawza u lil Prosekuzzjoni tghid b'mod partikolari li din il-Qorti ghandha ssib lil imputat hati mhux a bazi ta' provi diretti izda mill-provi cirkostanzjali.

Id-Difiza minn nana l-ohra hija tal-fehma li l-provi f'dan il-kaz huma dubbjuzi hafna u zgur ma jwasslux sal-grad li trid il-ligi f'kaz ta' sejbien ta' htija. Kien appunta ghalhekk li din il-Qorti ghamlet dan l-ezercizzju kollu u ezaminat bir-reqqa l-provi kollha tal-kaz b'mod dettaljat.

Illi kif hu ben saput, sabiex persuna li tinstab hatja ta' reat, il-Prosekuzzjoni ghandha l-oneru li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni, dubbju li ma jhalliex lil gudikant jkollu dik l-konvinzjoni morali dwar r-responsabbilita kriminali tal-persuna akkuzata. Dubju li minhabba fih, min ghandu jiddecidi, ma jistax jiddecidi la naha u lanqas ohra. Huwa l-akkuzat, li bil-ligi m'ghandu ghalfejn jipprova xejn, imsahhah bil-presunzjoni tal-innocenza, li jista jasal sal-grad tal-probabbilita. [vide **Il-Pulizija v Joseph Zampa** et ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta' Lulju 1998.***]

Hija dejjem <u>il-Prosekuzzjoni</u> li trid tipprova l-elementi <u>kollha</u> tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u sal grad tal-konvinciment morali tal-gudikant. [vide **Il-Pulizija v Paul Farrugia** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Marzu 2000***].

Kwantu ghal provi indizzjarji li gia saret referenza ghalihom, din il-Qorti tfakkar f'dak li nghad minn **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen [1952] AC 480, 489** fejn intqal:

*"It is <u>also</u> necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are <u>no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."</u> [vide* ***Il-Pulizija v Dawood Sayed Dawood Abdel El Kaader*** *moghtija mill-* ***Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998.]***

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar 1998*** fl-**ismijiet Il-Pulizija v Emanuel Seisun** fejn gie dikjarat li "huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma hafna drabi aktar importanti mill-provi diretti, izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci".

**Archbold** fil-ktieb tieghu ***Criminal Practice [1997 Edition para 10 - 3]*** b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper vs The Queen [1952]** jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil Cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter, for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only, because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another… It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance whti would weaken or destroy the inference."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta ta' Mejju, 1961*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil**,

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahajr prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li bhal ma ntqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Gatt** deciza ***fis-sbatax ta' Gunju, 1998*** dwar prova cirkostanzjali li:

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Illi fid-dawl tas-suespost, ghalhekk din il-Qorti trid tezamina bir-reqqa kollha l-provi cirkostanzjali mressqa mill-Prosekuzzjoni bil-ghan sabiex tistabilixxi jekk humiex diretti fl-istess direzzjni u cioe jekk jwasslux ghal htija tal-imputat.

Illi fl-ewwel lok, il-Pulizija stqarret li l-persuna anonima li ghamlet diversi telefonati fid-Depot tal-Pulizija u fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida, dwar r-rapport ta' droga fil-flat ta' tlett Sirjani kellha vuci Gharbija izda titkellem sew bil-Malti. Dan qaluh kemm l-allura Spettur Neil Harrison [fol 15], PC 682 Micahel Cutajar [fol 42 et seq], PC 279 Kevin Gauci [fol 46 et seq], PC 123 Saviour Galea [fol 143] w indirettament l-Ispettur Stephen Gatt [fol 84 et seq].

Issa mill-provi prodotti kemm mill-Prosekuzzjoni kif wkoll mid-Difiza, jinghad l-oppost u cioe li l-imputat dak iz-0zmien ma kienx jitkellem bil-Malti.  Mark Vella ghalliem fuq il-Prison Board tal-Habs li jmexxi l-Prison Fellowship f'Malta jghid fix-xhieda tieghu tat-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2000, li l-imputat kellu problema ta' lingwa ghaliex ma jitkellimx Malti sew u fil-fatt meta ltaqa mieghu fix-xahar ta' Ottubru 1999, l-imputat ma kienx jaf jitkellem bil-Malti u dam sa Mejju 2000 biex jikkomunika sew mieghu. L-imputat stess ikkonferma li meta kien gie arrestat w irrilaxxja l-istqarrija tieghu, Malti ma kienx jaf u ghalhekk ma setghax jikkonferma l-istqarrija tieghu.  Xehed Aronne Haroun interpretu w ikkonferma li huwa sar jaf lil imputat meta kien jokkupa l-kariga ta' Systems Manager fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u l-imputat kien taht areest preventiv fuq dan il-kaz.  Mistoqsi b'liema lingwa huwa kkomunika mal-imputat huwa wiegeb li huwa kien tkellem dejjem mieghu bil-lingwa Gharbija.  Xehdet Paula Lucia [fol 213] psikologa fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin li qalet li meta l-imputat hareg mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin f'Awissu 2000 huwa ma kienx ghadu jaf jitkellem bil-malti.   Fausi Hamdani [fol 226] jghid li l-imputat ma kien jaf kwazi xejn bil-Malti u hu kien jitkellem ghan-nom tieghu meta jmorru f'xi postijiet pubblici.

Illi ghalhekk f'dan il-kuntest, din x-xhieda zgur li ddghajjef l-ewwel provi li fil-fehma tal-Prosekuzzjoni kienet indizzjarja. Dawn il-provi zgur li ghandhom jigu trattati u konsidrati bhala provi li jqanqlu dubbju f'mohh il-gudikant jekk kienx l-imputat u l-imputat biss li ghamel t-telefonati anonimi in kwistjoni dwar rapport ta' drogi.

Fit-tieni lok l-Prosekuzzjoni sostniet li minn tfittxija li saret fl-appartament numru 4 okkupat mill-imputat jirrizulta mix-xhieda tal-allura Spettur Neil Harrison li nstab mus zghir 'swiss knife' u fil-fehma tieghu deher li kien hemm xi tracci ta' droga haxixa fuq ix-afra tieghu u boroz tal-plastic simILLI ghal borza li kienet nstabet fiha d-droga fil-flaat numru 3. Dawn gew elevati u gew mghoddija lil espert mahtur mill-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud ghal aktar analizi.

Illi minn ezami tar-relazzjoni tal-istess Spizjar Mario Mifsud, dokument MM a fol 67, jirrizulta minn ezamijiet li saru ghal presenza ta' *mechanical fit* bejn il-bicciet ta' plastic li bihom kienu mgezwrin l-blokka ta' sustanza kanella li kien hemm fil-flat numru 3 tal-allegat vittmi u l-boroz tal-plastic li gew elevati mill-flat tal-imputat, dawn taw rizultat negattiv.

Illi mill-analizi li sar fuq is-'swiss knife' elevat mill-fond tal-imputat ghal presenza ta' THC dawn wkoll taw rizultat negattiv.

Illi ghalhekk din il-prova wkoll ma ssahhahx t-tezi tal-Prosekuzzjoni li l-imputat kellu x'jaqsam ma dawn r-rapporti anonimi.

Illi PS 282 Pierre Grech eleva x'impronti digitali minn fuq x-xena tar-reat u dawn gew presentati w esibiti l-Qorti nhar t-tnax ta' April 2000 bhala dokument PG 1. Dawn gew elevati minn fuq il-boroz tal-plastic li nstabu fir-residenza numru 3, minn fuq l-iswiss army knife misjuba fir-residenza numru 4 u whud minn dawn l-impronti kienu tajbin ghal ezamijiet komparattivi.

Illi ghalhekk il-Qorti kienet innominat lil PC 956 Andrew Caurana sabiex jiehu l-impronti digitali tal-imputat seduta

stante u in effetti nhar s-sitta ta' Gunju 2000 [fol 110] dan l-espert esegwixxa l-inkarigu tieghu u ppresenta l-impronti digitali u palm prints tal-imputat li gew markata bhala dokument AC 1 u AC 2.

Sussegwentement il-Qorti diversament preseduta innominat lil Joseph Bongailas sabiex jaghmel ezami komparattiv bejn l-impronti digitali misjuba fuq ix-xena tar-reat u dawk elevati minn fuq l-imputat seduta stante.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Novembru 2000 deher Joseph Bongailas li ppresenta u halef r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument JB. Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-ezami komparattiv li hu ghamel bejn l-impronti tal-imputat u dawk elevati minn fuq x-xena tar-reat taw rizultat jew negattiv jew inkonklussiv ghaliex ma kienx hemm bizzejjed punti karatteristici sabiex issir il-komparazzjoni rikjesta.

Ghalhekk tali relazzjoni ddghajjef l-provi tal-Prosekuzzjoni wkoll, ghaliex il-provi xjentifici kollha f'dan il-kaz bl-ebda mod ma jwasslu ghat-tezi tal-Prosekuzzjoni.

Illi ghalhekk jidher li l-Prosekuzzjoni waslet ghal konkluzzjoni li kien l-imputat li ghamel r-rapport anonimu, minhabba xi allegat problema li kien hemm bejn l-imputat u t-tlett Sirjani.

Il-Qorti ssibha ferm difficli temmen li t-tlett Sirjani ma kienu jafu xejn dwar d-droga li kellhom fl-appartament taghhom. Illi dan qed jinghad ghaliex hu mprobabbli li nies li kienu allegatament ghal affari taghhom jaqraw l-Kuran u jigu 'surprised' mill-Pulizija f'lejl wiehed ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl ma jirreagixxux ghal dan u jibqghu kalmi w indifferenti. Il-Pulizija fl-ghaxra ta' bil-lejl ma tkunx mistennija u wisq inqas mixtieqa u ghalhekk xi reazzjoni il-Qorti kienet tistenna.

In oltre, meta wiehed mis-Sirjani u cioe Mohammed Hassan Abrim [fol 27] jghid li l-imputat dakinhar mar jiehu te' ghandu u dahal fil-kamra tal-banju tieghu ghal zewg minuti u pogga, fil-fehma tieghu, d-droga fuq il-geyzer, il-

Qorti ssibha difficli temmen tali kwistjoni meta semghet lil Pulizija tghid li sabiex nizzlu d-droga minn fuq il-geyzer kellha bzonn l-uzu ta' squeezer skond ma qal PC 123 Saviour Galea sabiex jilhqu l-post fejn kien hemm l-borza fuq il-geyzer, il-Pulizija ma setghetx tilqa l-borza liberament.

Issa jekk veramnet l-imputat kellux din il-borz a meta dahal ghand s-Sirjani, Mohgammed Hassan Abrim kien jghid li ra lil impuat b'borza f'idejh jew addirittura kien jisma xi hoss jew tisbita jekk l-imputat verament tefa' l-borza fuq il-geyzer f'dawk iz-zewg minuti li kien allegatament fit-toilet. Minn dan pero ma qal xejn.

Illi ghalhekk jekk kien l-imputat li tefa jew pogga l-borza permezz ta' sellum, li ma jidhirx li kien hemm jew waddabha fuq il-geyzer u ghalhekk kien jhalli xi impronti fuq il-borza. Haga li ma tirrizultax mill-atti li saret.

Il-Qorti ma thossx li ghandha tiddiskuti u tikkummenta dwar l-kwistjoni taz-zwieg bejn s-Sirjan u Maltija ghaliex din hija biss motiv ipotetiku fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'l fuq.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 110(1)(2), 20, u 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 12 u 15 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ma ssibx lil imputat MOHAMAD BARBAR AL ZAMTI hati u tilliberah mill-akkuzi kollha salv dik naxxenti mill-Ordinanza tal-Immigrazzjoni [Kap 217] mill-liema akkuza hija qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni peress li tali akkuza ma taqax fil-kompetenza taghha llum il-gurnata bl-emendi l-godda.**

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha stante li lliberat lil imputat mill-akkuzi moghtija fil-konfront tieghu mill-Prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------